# QORTI TAL-APPELL

## IMĦALLFIN

## S.T.O. PRIM IMĦALLEF MARK CHETCUTI
## ONOR. IMĦALLEF JOSEPH R. MICALLEF
## ONOR. IMĦALLEF TONIO MALLIA

**Seduta ta' nhar l-Erbgħa, 26 ta' Ottubru, 2022.**

**Numru 77**

**Rikors numru 171/14/4 JPG**

**Rosario Spiteri**

**v.**

**Il-Kummissarju tal-Pulizija u b'digriet tal-15 ta' Lulju 2016 ġie kjamat fil-kawża l-Avukat Ġenerali**

1. L-attur ippreżenta din il-kawża taħt il-Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta sabiex jitlob ir-rilaxx tas-somma ta' €2,170 li kienet ġiet ikkonfiskata bis-saħħa ta' sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali mogħtija kontra Marius Ugo Nwankwo fuq akkużi relatati ma' droga. L-attur jgħid li bintu kienet f'relazzjoni ta' Nwankwo u t-tnejn kienu jirrisjedu miegħu. L-attur jallega li huwa kellu somma ta' flus kontanti d-dar li m'għandhiex tkun

suġġetta għall-ordni ta' konfiska peress li dawn il-flus huma tiegħu u mhux ta' Nwankwo.

2. F'dawn il-proċeduri huwa talab għalhekk lill-Ewwel Qorti sabiex:

> "Għaldaqstant l-esponenti jitlob bir-rispett illi din l-Onorabbli Qorti jogħħobha minkejja dak li hemm ordnat fis-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali tas-16 ta' Jannar 2014 fl-ismijiet il-Pulizija kontra Marius Ugo Nwankwo, tordna r-rilaxx favur tiegħu tal-ammont ta' €2,170 illi jinsabu esebiti u li kienu ttieħdu mid-dar tiegħu."

3. Il-Kummissarju tal-Pulizija, eċċepixxa, *inter alia,* l-inkompetenza *ratione materiae* tal-Qorti peress li l-Artikolu 22C tal-Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta jagħti dritt ta' azzjoni biss lill-persuna misjuba ħatja jew lil terza persuna msemmija fl-Artikolu 22(3A)(d) u ċioe` terza persuna li tkun għaddiet għandha proprjeta` mmobbli minn meta l-ħati jkun ġie akkużat, it-talba attriċi hija eżawrita peress li diġa` saret lill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) iżda ġiet milqugħa limitatament fl-ammont ta' €22,420, li l-attur la indika xhieda u lanqas annetta mar-rikors promotur ix-xhieda li beħsiebu jressaq kif rikjest mil-liġi, u li l-prova tal-provenjenza leċita tispetta lill-attur.

4. Permezz ta' deċiżjoni datata 15 ta' Lulju 2016, fuq talba tal-attur, l-Ewwel Qorti kkonvertiet ruħha fis-Sede Kostituzzjonali tagħha u ordnat il-kjamata in kawża tal-Avukat Ġenerali.

5. Dwar il-lanjanza ta' natura kostituzzjonali u konvenzjonali tal-attur il-Kummissarju tal-Pulizija wieġeb illi (1) m'hemm l-ebda ksur tal-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea għaliex minkejja li l-azzjoni li qed juża l-attur ma tinkwadrax ruħha taħt l-Artikolu 22C tal-Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta dan ma jfissirx li l-attur ma kellux rimedju ieħor disponibbli lilu, liema rimedju ġie fil-fatt użat mill-attur meta talab ir-rilaxx tal-flus lill-Qorti tal-Maġistrati tant illi l-mertu tal-proċeduri odjerni huwa eżawrit; (2) li l-Artikolu 39(1) u l-Artikolu 39(6) tal-Kostituzzjoni mhumiex applikabbli fil-każ in kwistjoni għaliex l-attur mhuwiex akkużat b'reat kriminali u wisq anqas ġie kkundannat piena; u (3) m'hemm l-ebda ksur tal-Artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea għaliex kienet il-Qorti tal-Maġistrati li ddeċidiet li l-flus għandhom jiġu kkonfiskati u għalhekk il-konfiska u ż-żamma ta' dawk il-flus hija legali u ġustifikata.

6. Il-kjamat in kawża l-Avukat Ġenerali ppreżenta r-risposta tiegħu permezz ta' liema għamel referenza għar-risposta preżentata mill-Kummissarju tal-Pulizija u ddikjara li m'għandu xejn x'iżid.

7. Bis-sentenza tal-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili (Sede Kostituzzjonali) tal-25 ta' Ottubru 2017 ġie deċiż hekk:

> "Ghal dawn il-motivi, il-Qorti filwaqt li tichad l-eccezzjonijiet tal-intimati, tilqa' t-talbiet tar-rikorenti, tiddikjara illi sofra lezjoni tad-drittijiet sanciti taht l-Artikolu 6 u l-Artikolu 1 tal-Ewwel Protokol tal-Konvenzjoni dwar id-Drittijiet Fondamentali tal-Bniedem, tillikwida d-dannu soffert minnu b'kawza ta' dan fis-somma ta' elfejn, mija u sebghin ewro (€2,170) u tordna lill-intimati ihallsa l-

> istess somma ta' elfejn, mija u sebghin ewro (€2,170), bl-imghax dekoribbli mid-data ta' din is-sentenza sad-data tal-pagament effettiv. L-ispejjez ghandhom ikunu a karigu tal-intimati."

8. Il-Kummissarju tal-Pulizija u l-Avukat Ġenerali ppreżentaw ir-rikors tal-appell tagħhom fl-14 ta' Novembru 2017 permezz ta' liema talbu lil din il-Qorti sabiex tirrevoka u tħassar is-sentenza appellata bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra l-appellat.

9. L-attur eċċepixxa li r-rikors tal-appell tal-konvenuti huwa null għaliex ġie ntavolat quddiem il-Qorti żbaljata,[1] u fil-mertu għamel referenza għas-sentenza ta' din il-Qorti diversament presjeduta tal-11 ta' Awwissu 2014 fl-ismijiet Emanuel Ciantar v. Avukat Ġenerali.

**Ikkonsidrat;**

**L-Ewwel Aggravju**

10. Permezz tal-ewwel aggravju l-konvenuti appellanti jilmentaw li l-Ewwel Qorti nterpretat il-liġi in kwistjoni ħażin u dan wassal sabiex jinstab erronjament ksur tad-drittijiet tal-attur li fil-fatt qatt ma seħħ. Jargumentaw li a kuntrarju ta' dak ikkonsidrat mill-Ewwel Qorti, l-Artikolu

[1] Din l-eċċezzjoni ġiet miċħuda permezz ta' provvediment datat 5 ta' Ottubru 2018, permezz ta' liema l-Qorti Kostituzzjonali ordnat korrezzjoni fir-rikors tal-appell tal-konvenuti sabiex il-kliem "Fil-Qorti Kostituzzjonali" jiġu mibdula bil-kliem "Fil-Qorti tal-Appell."

22C tal-Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta effettivament jagħti s-setgħa lil terz li jikseb lura proprjeta` mobbli kkonfiskata bis-saħħa tal-Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta għaliex l-artikolu ma jagħmel l-ebda distinzjoni bejn proprjeta` mobbli u immobbli. Skont il-konvenuti għalhekk il-liġi mhijiex leżiva tad-drittijiet fondamentali tal-attur, u hija biss l-interpetazzjoni żbaljata magħmula mill-Ewwel Qorti li wasslet għal din il-konklużjoni.

11. L-Ewwel Qorti għamlet is-segwenti konsiderazzjonijiet:

> "Fil-kaz de quo jirrizulta ex admissis mir-risposta guramentata tal-Kummissarju tal-Pulizija ghall-proceduri civili originarjament intavolati mir-rikorrent, illi l-Artikolu 22 tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta, (li jistabilixxi l-procedura ghar-rilaxx ta' proprjeta konfiskata ai termini tal-istess ligi), ma jaghtix dritt ta' azzjoni lir-rikorrent, u dan peress illi r-rikorrent la hu l-persuna li nstabet hatja mill-Qorti tal-Magistrati u lanqas ma huwa terza persuna li tkun ghaddiet ghandha proprjeta immobbli minn meta l-hati jkun gie akkuzat, ghaliex ir-rikorrent qed jitlob ir-rilaxx ta' flus kontanti u mhux ta' proprjeta mmobbli.
>
> Filfatt mhux kontestat illi l-ligi Maltija ma tipprovdix procedura sabiex terzi persuni illi jkunu soffrew konfiska ta' proprjeta mobbli ai termini tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta jkunu jistu' jiksbu r-rilaxx ta' din il-proprjeta."

**Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti**

12. Dan l-aggravju huwa manifestament fieragħ u vessatorju. L-ewwel nett, kien il-Kummissarju tal-Pulizija stess li kien eċċepixxa l-inkompetenza *ratione materiae* tal-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili biex tiddetermina t-talbiet tal-attur proprju għaliex, fi kliemu stess:

> "...l-artikolu 22C tal-Kap.101 tal-Liġijiet ta' Malta tagħti biss dritt ta' azzjoni għal dikjarazzjoni minn din l-Onorabbli Qorti li

> proprjeta' konfiskata ma tkunx profitti jew dħul mill-egħmil ta' xi reat, lill-persuna misjuba ħatja jew it-terza persuna msemmija fl-artikolu 22(3A)(d) ta' l-istess Kap. 101 iġifieri terzi persuni li tkun għaddiet għandhom proprieta' immobbli minn meta l-ħati jkun ġie akkużat. [enfażi magħmula mill-Kummissarju tal-Pulizija fit-test oriġinali]
> [...]
> Illi r-rikorrent la huwa l-persuna misjuba ħatja u lanqas ma hi terza persuna li għaddiet għandha proprjeta' immobbli minn meta l-ħati ġie akkużat. Għaldaqstant din l-Onorabbli Qorti m'għandhiex ġurisdizzjoni biex tqis dan ir-rikors."

13. Huwa minnu li l-Artikolu 22C (1) tal-Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta jagħmel referenza kemm għall-proprjeta` mmobbli u kif ukoll għall-proprjeta mobbli. Pero`, kif sewwa kkonsidrat l-Ewwel Qorti, mhijiex kull terza persuna milquta minn ordni ta' konfiska li tista' tagħmel użu mir-rimedju provdut f'dan l-artikolu. L-Artikolu 22C(1) fil-fatt jaqra hekk:

> "**Meta jkun sar ordni ta' konfiska taħt l-artikolu 22(3A)(d) ta**, il-persuna misjuba ħatja, jew **it-terza persuna msemmija f'dak il-paragrafu**, tista' tibda azzjoni għal dikjarazzjoni li xi proprjetà jew kull proprjetà mobbli jew immobbli hekk konfiskata ma tkunx profitti jew dħul mill-egħmil ta' xi reat taħt din l-Ordinanza (kemm jekk ikun jew ma jkunx hekk aġġudikat minn qorti tal-ġustizzja kriminali) lanqas proprjetà akkwistata jew miksuba, direttament jew indirettament, minn jew permezz ta' xi profitti jew dħul bħal dawk." [enfażi ta' din il-Qorti]

14. It-terza persuna li tista' għalhekk tagħmel użu mir-rimedju stabbilit fl-artikolu appena ċitat hija t-terza persuna msemmija fl-artikolu 22(3A)(d) tal-istess liġi. L-artikolu 22(3A)(d) jaqra hekk:

> "tordna l-konfiska favur il-Gvern ta' kull flejjes jew proprjetà mobbli oħra, u tal-proprjetà immobbli kollha tal-persuna hekk misjuba ħatja wkoll jekk il-proprjetà immobbli minn meta l-ħati jkun ġie akkużat tkun għaddiet għand terzi persuni, u anke jekk l-imsemmija flejjes, proprjetà mobbli jew proprjetà immobbli jkunu qegħdin f'xi post barra minn Malta."

15. It-terza persuna msemmija fl-Artikolu 22(3A)(d) hija għalhekk dik il-persuna li tkun għaddiet għandha proprjeta` mmobbli tal-ħati fiż-żmien meta kien akkużat. Huwa proprju għalhekk li l-Ewwel Qorti kkonsidrat li l-liġi ma tagħtix dritt ta' azzjoni lill-attur sabiex jitlob ir-rilaxx tal-flus li huwa qiegħed jgħid huma tiegħu, u dan għaliex id-definizzjoni tat-terminu 'terza persuna' hija limitata kif provdut fl-Artikolu 22(3A)(d) appena ċitat. Għalhekk mhux kull terza persuna li tiġi milquta minn ordni ta' konfiska tista' tagħmel użu mir-rimedju provdut fl-Artikolu 22C, iżda biss dik it-terza persuna li taqa' entro d-definizzjoni provduta fl-Artikolu 22(3A)(d). Peress li l-attur isostni li l-flus in kwistjoni li ġew milquta mill-ordni ta' konfiska dejjem kienu tiegħu, dan ifisser li huwa żgur li ma jaqax entro d-definizzjoni ta' terza persuna skont l-Artikolu 22(3A)(d), kemm għaliex flus kontanti huma proprjeta` mobbli, u kif ukoll għaliex, almenu skont dak allegat mill-attur, dawn il-flus fi kwalunke każ qatt ma kienu proprjeta` tal-ħati li għaddew għandu waqt li l-ħati kien jinsab taħt akkuża.

16. Għaldaqstant dan l-aggravju qiegħed jiġi miċħud.

**It-Tieni Aggravju**

17. Permezz ta' dan l-aggravju l-appellanti jilmentaw li l-Ewwel Qorti kienet żbaljata meta sabet li l-attur sofra leżjoni tad-dritt fondamentali tiegħu sanċit permezz tal-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea.

Jargumentaw li din l-azzjoni intentata mill-attur hija żbaljata għaliex huwa għandu rimedji ordinarji disponibbli għalih. Isostnu li fil-kors tal-kawża ġie ampjament pruvat li kienet saret talba quddiem il-Qorti tal-Maġistrati tant li l-Qorti ordnat li jiġu rilaxxati favur l-attur u bintu s-somma ta' €22,420, b'dan illi dik il-Qorti dehrilha li għandhom jibqgħu miżmuma s-somma ta' €2,170. Skont l-appellant l-attur ma jistax juża dawn il-proċeduri straordinarji bħala forma ta' appell mid-deċiżjoni tal-Qorti tal-Maġistrati. Jargumentaw li l-attur seta', kieku ried, jagħmel talba oħra quddiem il-Qorti Kriminali biex jingħata lura l-bqija tas-somma u/jew għallinqas kjarifika dwar għalfejn is-somma ta' €2,170 baqgħet miżmuma, iżda huwa għażel li ma jagħmilx dan, u dan oltre li jista' jiġi argumentat ukoll li t-talba tiegħu hija eżawrita peress li ġiet deċiża mill-Qorti tal-Maġistrati. Jilmentaw li l-Ewwel Qorti kienet żbaljata meta kkonsidrat li l-Qrati kriminali mhumiex il-forum addattat għal dawn it-tip ta' talbiet, ġaladarba hija l-Qorti tal-Maġistrati li għandha s-setgħa toħroġ ordnijiet ta' iffriżar u konfiska tal-assi u tvarja dawk l-ordnijiet.

18. L-Ewwel Qorti, wara li għamlet referenza għall-ġurisprudenza relevanti, għamlet is-segwenti konsiderazzjonijiet fuq dan il-punt:

> "Fil-kaz de quo jirrizulta ex admissis mir-risposta guramentata tal-Kummissarju tal-Pulizija ghall-proceduri civili originarjament intavolati mir-rikorrent, illi l-Artikolu 22 tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta, (li jistabilixxi l-procedura ghar-rilaxx ta' proprjeta konfiskata ai termini tal-istess ligi), ma jaghtix dritt ta' azzjoni lir-rikorrent, u dan peress illi r-rikorrent la hu l-persuna li nstabet hatja mill-Qorti tal-Magistrati u lanqas ma huwa terza persuna li tkun ghaddiet ghandha proprjeta immobbli minn meta l-hati jkun

gie akkuzat, ghaliex ir-rikorrent qed jitlob ir-rilaxx ta’ flus kontanti u mhux ta’ proprjeta mmobbli.

Filfatt mhux kontestat illi l-ligi Maltija ma tipprovdix procedura sabiex terzi persuni illi jkunu soffrew konfiska ta’ proprjeta mobbli ai termini tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta’ Malta jkunu jistu’ jiksbu r-rilaxx ta’ din il-proprjeta. L-argument tal-intimati huwa proprju li r-rikorrent kellu access ghal Qorti, u ghalhekk id-dritt tieghu ghal smiegh xieraq ma giex lez, ghaliex kien intavola rikors quddiem il-Qorti tal-Magistrati li kienet qed tisma’ l-kawza kontra ir-ragel ta’ bintu, u li ordnat il-konfiska, u kisbeb ir-rilaxx tal-maggior parti tal-flus konfiskati, u skont l-intimati, dan juri li r-rikorrent kellu access ghal qorti.

Il-Qorti ma taqbel xejn ma dan l-argument. Il-fatt illi r-rikorrent rnexxilu jikseb lura l-maggior parti tal-flus konfiskati, m’huwa bl-ebda mod dovut ghal fatt illi l-ligi promulgata mill-Istat tipprotegi d-dritt tar-rikorrenti, u persuni ohra fl-istess sitwazzjoni tieghu ghal smiegh xieraq, izda huwa frott tal-ghaqal tal-Qorti tal-Magistrati li kienet lesta li tisma’ u tiddetermina r-rikors tieghu minkejja li ma kellha l-ebda obbligu li taghmel dan.

Huwa car mill-gurisprudenza hawn fuq citata illi sabiex jista’ jinghad li jkun hemm dritt ghal access ghal qorti li hu prattiku u effettv; irid ikun hemm certezza legali fuq ir-rimedju li ghalih l-individwu jista’ jirrikorri; tal-procedura preciza biex jikseb dan ir-rimedju ghalih, cioe sistema legali cara u accessibli tal-procedura miftuha ghal otteniment ta’ rimedju ghad-dritt civili tac-cittadin. F’dan il-kaz, il-Kummissarju tal-Pulizija stess ammetta, u dan gie accettat mill-Avukat Generali, li tali sistema ma tezistix ghal persuni fl-istess posizzjoni tar-rikorrent.

Il-fatt illi r-rikorrent rnexxilu jikseb ir-rilaxx tal-maggior parti tal-flus konfiskati ma jfissirx illi r-rekwiziti hawn fuq imsemmija gew sodisfatti. Ta’ min jiftakar illi l-Qorti tal-Magistrati li tkun qed tisma’ l-kawza kriminali m’hijiex marbuta li tisma’ u tiddetermina rikorsi ntavolati minn terzi persuna ghar-rilaxx tal-proprjeta taghha allegatament konfiskata erronjament, ghaliex m’hemm ebda provvediment tal-ligi li jipprovdi ghal tali procedura. Il-fatt illi m’hemmx procedura stabbilita fil-ligi li tapplika ghall-kazijiet bhal dak de quo, jfisser illi m’hemmx sistema li hija sufficjentement cara u accessibli li toffri c-certezza legali rikjesta sabiex individwu, f’din is-sitwazzjoni, ikun jaf bic-certezza mistennija x’inhuma r-rimedji disponibbli ghalih u b’liema mod jista’ jaghmel uzu minnhom.

Apparti minn hekk, il-ligi vigenti tohloq sitwazzjoni ta’ disparita bejn terzi persuni illi tkun giet konfiskata lilhom proprjeta mmobbli u terzi persuni li tkun giet konfiskata lilhom propreta mobbli. Kif jidher mill-kaz tar-rikorrenti, huwa ma kellux mezz biex jappella

> d-decizjoni tal-Qorti tal-Magistrati halli jipprova jikseb ukoll ir-rilaxx tal-bqija tal-flus li baqghu konfiskati, filwaqt li persuni li jinghataw dritt ta' azzjoni mill-Artikolu 22 tal-Kapitolu 101 ghandhom dritt ukoll jintavolaw appell jekk ma jaqblux mas-sentenza tal-Qorti.
>
> Inoltre, il-Qorti tqis illi l-kawza kriminali fejn ikun jinsab mixli l-akkuzat, mhiex l-forum idoneju sabiex terza persuna tikseb ir-rilaxx ta' oggetti konfiskati minhabba dik il-kawza. Il-proceduri kriminali li jkunu ghaddejin fil-konfront tal-akkuzat m'ghandhomx jigu interrotti minhabba tali kwistjonijiet, ghaliex wara kollox, l-akkuzat ghandu dritt ghal smiegh xieraq fi zmien ragjonevoli. Pero kull t-terza persuna li ssofri konfiska tal-proprieta' mobbli taghha ai termini tal-Kapitolu 101 tal-Ligjiet ta' Malta, ghandha jkollha dritt indaqs tal-persuni l-ohra msemmija fl-Artikolu 22 tal-Kapitolu 101, li tressaq l-pretensjoni taghha, sorretta minn kwalunkwe prova li jista' jkollha, u dritt li taghmel s-sottomissjonijiet necessarji. L-Istat minn naha l-ohra ghandu jkollu mezz li jirribatti dawn il-pretensjonijiet biex jigi assigurat illi proprjeta attwalment provenjenti mill-kommissjoni ta' reati ta' droga tibqa' hekk kkonfiskata favur l-Istat. Il-Qorti tqis obiter li dan m'ghandux jkun a skapitu tad-dritt tal-akkuzat ghal smiegh xieraq fi zmien ragjonevoli, u ghalhekk lil-Istat ghandu jipprovdi procedura sabiex terzi persuni jkunu jistghu jiksbu r-rilaxx ta' proprjeta mobbli taghhom, li tkun giet konfiskata ai termini tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta, - procedura li tkun distinta u separata mill-proceduri kriminali fil-konfront tal-akkuzat. Fid-dawl ta' dan kollu, il-Qorti tikkonkludi li r-rikorrent sofra lezjoni tad-dritt tieghu ghal smiegh xieraq garantit mill-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni, u dan billi s-sistema legali ma taghtix access ghal qorti ghal terzi persuni li tkun giet lilhom kkonfiskata proprjeta mobbli fi proceduri kriminali ai termini tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta."

## Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti

19. Dan l-aggravju huwa wkoll manifestament żbaljat. L-argument tal-appellant huwa in suċċint li bil-kontra ta' dak ikkonsidrat mill-Ewwel Qorti l-attur kellu rimedju ordinarju a dispożizzjoni tiegħu u dan peress li kien għamel talba quddiem il-Qorti tal-Maġistrati li effettivament irriżultat fir-

rilaxx tal-maġġior parti tal-flejjes ikkonfiskati li huwa kien qiegħed jgħid li huma tiegħu.

20. Sabiex ikun jista' jitqies li l-attur kellu għad-dispożizzjoni tiegħu rimedju suffiċjenti għall-finijiet tad-dritt ta' aċċess għall-Qorti għall-finijiet tal-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni dan ir-rimedju għandu jirriżulta minn liġi ċara u aċċessibbli li tistabbilixxi r-rimedju u r-regoli applikabbli għall-eżerċizzju tal-istess. F'dan il-każ, dan ir-rimedju ma jirriżultax mil-liġi tant li l-Kummissarju tal-Pulizija stess kien eċċepixxa n-nuqqas ta' kompetenza tal-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili proprju għaliex ir-rimedju nvokat mill-attur ma kienx disponibbli għalih. Il-fatt li l-Qorti tal-Maġistrati għażlet li tisma' lill-attur u tirrilaxxa parti mis-somma in kwistjoni bl-ebda mod ma jissodisfa r-rekwiżiti tal-garanzija ta' aċċess għall-Qorti partikolarment għaliex m'hemm l-ebda ċertezza legali fir-rigward tad-disponibbilita` tar-rimedju u l-proċedura li tirregola l-istess. Tant m'hemm l-ebda ċertezza legali dwar id-disponibilita` tar-rimedju u l-proċedura li tirregolah li anke l-appellanti stess fir-rikors tal-appell tagħhom ma kinux kapaċi jikkommettu ruħhom dwar jekk l-attur setax jitlob ir-rilaxx tal-bqija tas-somma lill-Qorti Kriminali jew jekk it-talba tiegħu ġietx eżawrita bid-deċiżjoni tal-Qorti tal-Maġistrati li tirrilaxxa parti mis-somma.

21. Għaldaqstant dan l-aggravju qiegħed jiġi miċħud.

**It-Tielet Aggravju**

22. Permezz ta' dan l-aggravju l-konvenuti jilmentaw illi l-Ewwel Qorti kienet żbaljata meta kkonsidrat li hemm ksur tal-Artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea. Jargumentaw li m'hemm l-ebda dubju li l-ordni ta' ffriżar inħareġ għaliex il-liġi Maltija tipprovdi għalih, u li l-ordni huwa intiż sabiex jipproteġi l-interess ġenerali billi jassigura li flus derivanti minn reat ma jintużawx għall-benefiċċju tal-akkużat u biex ikun jista' jiġi enforzat eventwali ordni ta' konfiska u għalhekk huwa meħtieġ u leġittimu. Jargumentaw li dawn il-miżuri huma mportanti fil-ġlieda kontra l-kriminalita` u stabbilita din l-importanza l-konklużjoni hija li ma seħħet l-ebda vjolazzjoni tad-drittijiet fondamentali tal-attur.

23. Wara li għamlet referenza għall-ġurisprudenza applikabbli l-Ewwel Qorti għamlet is-segwenti konsiderazzjonijiet:

> "Fir-rigward tas-sentenza fl-ismijiet Emanuel Ciantar vs l-Avukat Generali citata mir-rikorrent, il-Qorti ma taqbilx mal-argument minn sollevat illi din is-sentenza kienet titratta kaz identiku ghal dan. Dan ghaliex dik is-sentenza titratta sitwazzjoni fejn il-ligi stess tikkontempla il-konfiska ta' vettura li m'hijiex tal-akkuzat, izda tappartjeni lil wahda mill-persuni imsemmija fil-provvediment relattiv, u ghalhekk hija l-ligi stess li tipprovdi ghal piena ta' individwu li bl-ebda mod ma kien mixli jew misjub hati ta' reat. Fil-kaz tal-Kapitolu 101, il-ligi ma taghmilx dan, ghaliex tipprovdi biss ghal konfiska ta' proprjeta tal-akkuzat provenjenti mill-kommissjoni ta' reat (anke jekk din tkun lahqet ghaddiet ghand terzi persuni fil-frattemp). Fil-kas in ezami l-konfiska tal-flus in kwistjoni saret biss ghaliex l-akkuzat fil-kawza kriminali kien joqoghod mar-rikorrent, (li jigi missier il-mara tieghu). Ghalhekk il-pulizija elevaw dak kollu li sabu fid-dar tal-missier (ir-rikorrenti) li kien konness mar-reat ta' traffikar tad-droga ghal liema reat

kien gie investigat ir-ragel ta' bint ir-rikorrent. Il-ligi ma tipprovdix "blanket confiscation" tal-proprjeta ta kull min jirrisiedi mal-hati.

Din il-Qorti taghraf illi mizuri ntizi ghal konfiska ta' profitt u proprjeta provenjenti minn reati relatati mat-traffikar tad-droga huma mizuri fl-interess pubbliku. L-intimati minn naha taghhom kien jehtiegilhom juru f'dan il-kaz, illi fid-deprivazzjoni tas-somma flus in kwistjoni sofferta mir-rikorrent, (li mhux kontestat li kien la mixli u lanqas misjub hati ta' xi reat taht il-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta) intlahaq bilanc xieraq bejn il-mizuri mehuda mill-Istat u l-ghan illi l-Istat ried jilhaq.

Fil-fehma tal-Qorti sistema li ma taghtix dritt ta' azzjoni lil terzi persuni sabiex jiksbu r-rilaxx ta' proprjeta taghhom konfiskata mal- proprieta' tal-hati ai termini tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta, ma tilhaqx bilanc gust u ekwu bejn l-interess tal-Istat fil-glieda kontra d-droga u d-drittijiet fondamentali tal-bniedem. Il-Qorti tinnota illi fil-kamp privat, fejn terza persuna li m'hijiex id-debitur tkun giet privata minn proprjeta taghha wara mandat ta' qbid intavolat minn kreditur, mhux biss tinghata dritt ta' azzjoni biex tikseb il-proprjeta taghha lura, izda il-procedura saret iktar accessibbli u spedita, bl-ahhar emendi. Il-Qorti ghalhekk tifhem li l-Istat jehtiegu jassigura li terzi persuni li jkunu soffrew intortament konfiska tal-oggetti taghha ai termini tal-Kapitolu 101 tal-Ligjiet ta' Malta, ikollhom rimedju adegwat sabiex ikunu jistghu jiksbu lura l-oggetti taghhom.

Ir-rikorrenti f'dan ir-rigward ghamel referenza ghal sentenza moghtija mill-Qorti ta' Strasbourg fl-ismijiet Denisova and Moiseyeva v. Russia deciza fl-1 ta' April 2010, filwaqt li l-intimati jikkontestaw l-applikabbilita ta' din is-sentenza billi jargumentaw illi din ma kienetx titratta l-Artikolu 22 tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti taqbel illi din is-sentenza ma kienetx titratta dan l-artikolu; Ezami tal-fatti speci ta' dawn iz-zewg kawzi jqieghed s-sistema legali Maltija f'qaghda xejn lodevoli. Fil-kawza ta' Denisova and Moiseyeva jirrizulta illi minkejja l-ligi domestika kienet tipprovdi rimedju ghal terzi, mhux parti fil-proceduri, biex jikkontestaw il-konfiska tal-proprjeta, instabet vjolazzjoni tad-dritt ghal proprjeta mill-Qorti ta' Strasbourg proprju ghaliex il-Qrati Civili Russi, minflok ghamlu exami indipendenti tal-fatti, sempliciment irreferew ghas-sentenza tal-Qorti Kriminali. Multo magis ghalhekk jirrizulta vjolazzjoni tad-dritt ghal proprjeta f'din il-kawza meta s-sistema legali lanqas biss tipprovdi dritt ta' azzjoni ghal terzi li ma jkunux parti mill-proceduri kriminali sabiex jikkontestaw ordni ta' konfiska fuq il-propjeta mobbli taghhom.

Ghalhekk il-Qorti tikkonkludi li r-rikorrenti sofra lezjoni tad-dritt tieghu ghal proprjeta ai termini tal-Artikolu 1 tal-Ewwel Protokol

> tal-Konvenzjoni Ewropeja dwar id-Drittijiet Fondamentali tal-Bniedem."

## Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti

24. Dan huwa aggravju ieħor li huwa ħażin. L-argument tal-appellanti huwa sempliċiment li l-miżura in kwistjoni, ossia l-ordni ta' konfiska, hija legali u leġittima peress li sservi skopijet ta' interess pubbliku u ġenerali u għalhekk dan ifisser awtomatikament illi ma tistax tkun leżiva tad-dritt fondamentali sanċit permezz tal-Artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea. Il-Qorti tosserva pero` li l-appellanti stess *ex admissis* jgħidu fir-rikors tal-appell tagħhom li hemm tliet rekwiżiti li jridu jiġu sodisfatti sabiex l-interferenza mill-Istat fit-tgawdija paċifika tal-possedimenti titqies li hija permissibbli, u ċioe` il-legalita` tal-interferenza, l-iskop leġittimu tagħha u ż-żamma ta' bilanċ ġust u proporzjonat bejn l-għan pubbliku u d-drittijiet fondamentali tal-persuna milquta. L-appellanti ma jistgħux jippretendu għalhekk l-ilment tal-attur f'dan ir-rigward jiġi miċħud għaliex l-ewwel żewġ rekwiżiti huma sodisfatti, filwaqt li jinjoraw it-tielet rekwiżit, u ċioe` l-ħtieġa li jkun jinżamm bilanċ bejn l-interess pubbliku u d-drittijiet fondamentali tal-attur.

25. Il-Qorti tosserva fil-fatt li l-Ewwel Qorti ħadet in konsiderazzjoni l-għan leġittimu tal-miżura, iżda sabet li f'dan il-każ il-proporzjonalita` rikjesta hija nieqsa għaliex l-attur ġie mċaħħad minn rimedju legali sabiex

ikun jista' jitlob lura l-flus li jgħid li huma tiegħu. L-appellanti ma taw l-ebda raġuni għalfejn il-Qorti kienet żbaljata meta kkonsidrat li n-nuqqas min-naħa tal-Istat li jagħmel disponibbli għall-attur, li la ġie mixli u wisq inqas instab ħati ta' reat kontra d-dispożizzjonijiet tal-Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta, rimedju legali sabiex ikun jista' jitlob ir-rilaxx ta' dak li qed jgħid li huma ħwejġu. Fil-fatt, kif diġa` ngħad, fl-argumentazzjoni tagħhom l-appellanti njoraw dan ir-rekwiżit kompletament daqslikieku ma jeżistix minkejja li kienu huma stess li aċċettaw li sabiex interferenza tkun permissibbli trid tkun ukoll proporzjonata. Għaldaqstant ġaladarba din il-Qorti la ngħatat raġuni għalfejn il-konklużjoni tal-Ewwel Qorti f'dan ir-rigward hija żbaljata u lanqas ma jirriżulta li l-konsiderazzjonijiet u l-konklużjoni tal-Ewwel Qorti huma fil-fatt żbaljati, dan l-aggravju qiegħed jiġi miċħud.

**Ir-Raba' Aggravju**

26. Dan l-aggravju jitratta l-*quantum* tad-danni akkordati mill-Ewwel Qorti. Skont l-appellant l-Ewwel Qorti kienet żbaljata meta akkordat lill-attur danni fl-ammont ta' €2,170 għaliex b'dan ir-rimedju l-Ewwel Qorti llikwidat id-danni ċivili li l-attur ma rnexxilux jikseb mill-qrati penali u/jew ċivili, meta l-kompitu ta' dawn il-qrati huwa li jillikwidaw danni għal-leżjoni sofferta u mhux danni ċivili.

27. L-Ewwel Qorti għamlet is-segwenti konsiderazzjonijiet dwar dan il-punt:

> "F'dan il-kaz, mid-digriet tal-Qorti tal-Magistrati tal-15 ta' Mejju 2009 jirrizulta illi l-Prosekuzzjoni kienet Registrat li hija ma kellha ebda oggezzoni ghar-rilaxx tas-somma tal-flus illi r-rikorrent jikkontendi illi huma tieghu. Fid-dawl ta' dan il-Qorti tqis ghalhekk illi jkun gust li bhala kumpens ghal lezjoni tad-dritt ghal proprjeta tar-rikorrenti, huwa jinghata s-somma ta' €2,170, u cioe l-ammont li ma giex rilaxxat mill-Qorti tal-Magistrati. Il-Qorti taghraf illi dan ikun kumpens xieraq ghar-rikorrent. Inoltre il-Qorti tqis li m'huwiex il-kaz illi r-rikorrenti jinghata kumpens morali ghal vjolazzjoni tad-dritt tieghu ghal smiegh xieraq, stante li jidher li l-lanjanza tieghu giet rimedjata pienament."

**Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti**

28. L-appellanti qed jitolbu tnaqqis fil-kumpens akkordat mill-Ewwel Qorti għaliex skont huma bil-kumpens akkordat minnha l-Ewwel Qorti marret oltre l-kompitu tagħha li tillikwda kumpens għal-leżjoni sofferta mill-attur u minflok illikwidat kumpens ċivili li l-attur ma rnexxilux jottjeni mill-qrati ordinarji.

29. Il-Qorti tosserva li l-Ewwel Qorti qieset li l-attur ma kellux jiġi mċaħħad mis-somma ta' €2,170 proprju għaliex fil-proċeduri kriminali l-prosekuzzjoni ma kellha l-ebda oġġezzjoni li l-ammont sħiħ jiġi rilaxxat favur l-attur, u kien minkejja dan in-nuqqas ta' oġġezzjoni li l-Qorti tal-Maġistrati ddeċidiet li parti mis-somma mitluba, u ċioe` €2,170 jibqgħu maqbuda, u eventwalment jiġu kkonfiskati. Il-Qorti tqis pero` li n-nuqqas ta' oġġezzjoni min-naħa tal-prosekuzzjoni li l-ammont sħiħ li l-attur kien

qiegħed jgħid li huwa tiegħu jiġi rilaxxat favur tiegħu ma jistax ħlief ifisser li l-prosekuzzjoni aċċettat li dawn il-flus kienu kollha proprjeta` tal-attur u mhux tal-akkużat u għalhekk m'hemm l-ebda ġustifikazzjoni għalfejn is-somma sħiħa ma ġietx rilaxxata favur l-attur. Huwa fieragħ l-argument tal-appellanti mbagħad li l-Ewwel Qorti tat lill-attur dak li ma rnexxilux jikseb mill-qrati kriminali/ċivili meta f'din il-kawża ġie stabbilit li l-attur sofra leżjoni tad-drittijiet fondamentali tiegħu proprju għaliex l-Istat naqas milli jpoġġi għad-dispożizzjoni tal-attur rimedju ordinarju sabiex jitlob ir-rilaxx favur tiegħu tal-flus li huwa kien qed jgħid li huma tiegħu.

30. Għalkemm huwa minnu li d-danni akkordati għal-leżjoni ta' drittijiet fondamentali mhumiex ekwivalenti għal danni ċivili, jibqa' l-fatt li r-rimedju mogħti mill-Qorti għandu jkun wieħed "xieraq" u ċioe` rimedju li kemm jista' jkun iġib fix-xejn l-effett tal-leżjoni sofferta mill-attur u jerġa' jirrintegra lill-attur fil-godiment tad-drittijiet tiegħu. F'dan il-każ l-Ewwel Qorti sabet li l-prosekuzzjoni stess ma kinitx ikkontestat li s-somma kollha mitluba mill-attur quddiem il-Qorti tal-Maġistrati tiġi rilaxxata favur tiegħu u għalhekk ma tirriżulta l-ebda raġuni valida għalfejn l-attur għandu jiġi privat minnha jew għalfejn il-kumpens akkordat għandu jkun f'somma anqas minn dik akkordata mill-Ewwel Qorti. Inoltre, il-Qorti tosserva li l-Ewwel Qorti għażlet li ma takkordax danni għal-leżjoni tad-dritt ta' smigħ xieraq u għalhekk aktar u aktar m'hemm l-ebda raġuni għalfejn id-danni likwidati mill-Ewwel Qorti għandhom jiġu mnaqqsa.

31. Għaldaqstant anke dan l-aggravju qiegħed jiġi miċħud.

**Decide**

Għal dawn il-motivi l-Qorti taqta' u tiddeċiedi billi tiċħad l-appell tal-konvenuti appellanti u billi l-appell huwa manifestament frivolu u vessatorju tikkundanna lill-appellanti jħallsu l-ispejjeż għal darbtejn.

Tordna li kopja tas-sentenza tintbagħat lill-Ispeaker tal-Kamra tad-Deputati għall-għanijiet tal-Artikolu 242(1) tal-Kap. 12.

| | | |
|---|---|---|
| Mark Chetcuti<br>Prim Imħallef | Joseph R. Micallef<br>Imħallef | Tonio Mallia<br>Imħallef |

Deputat Reġistratur
gr